MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2008

Numru. 652/2008

**Il- Pulizja**
**(Spettur Raymond Cassar)**

**vs**

**Melvin Montesin**
**Omissis**

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Melvin Montesin ta’ 18-il sena, iben Emanuel u Gaetana nee’ Magri, imwieled Pieta’ fl-14 ta’ Jannar, 1990, residenti fil-fond Ent. C, Flat 5, Block E, Triq Dun Anton Vella, Siggiewi u detentur tal-karta ta’ l-Identita bin-numru 62690 (M); u

Omissis

Akkuzati talli:

1. Fil-lejl ta' bejn id-29 u 30 ta' Mejju, 2008, fi Tiq San Nikola fis-Siggiewi, ikkommettew serq minn vettura tat-tip Hyundai Getz bin-numru LCH 978 ghad-dannu ta' Francis Vella u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u dan bi ksur ta' l-artikoli 270 u 271 (g) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta;

2. U talli fit-30 ta' Mejju, 2008, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi hinijiet differenti, kisru disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifici foloz, jew billi inqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex inqanqlu tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamlu qliegh ta' sitt mija u hamsa u erbghin Euro (€645) bi hsara ta' Francis Vella u dan bi ksur ta' l-artikoli 308, 309, u 310 (1) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fit-30 ta' Mejju, 2008 u fil-granet ta' qabel, f'hinijet differenti, f'dawn il-gzejjer, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan issir f' Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, jindahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom u dan bi ksur t'artikolu 334 ta' Kapitolu 9 ta' Ligijiet ta' Malta;

4. Fit-30 ta' Mejju, 2008, f'hinijiet differenti, f'dawn il-gzejjer, bil-hsieb li jaghmlu delitt wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' delitt ta' frodi, liema delitt ma kienx esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' taghhom;

U lil Omissis wahdu talli;

5. Fit-30 ta' Mejju, 2008, f'hinijiet differentim f'dawn il-gzejjer, iffalsifika cedoli, poloz, ordnijiet jew dokumenti ohra, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom flus, jew jiehu kunsinna t'oggetti jew jigbor depositu jew rahan minn ufficju pubbliku jew minn bank jew stabbilment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-

Gvern ghad-detriment ta’ Francis Vella u dan bi ksur t’artikolu 167 (1) ta’ Kap 9 ta’ Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikoli 41(1)(a), 167, 261(f)(g), 270, 271(g), 308, 309, 310, u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jinstema bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat id-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni li t-tielet imputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni.

Rat li fis-seduta mizmuma llum 6 ta’ Ottubru, 2008 l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom hlif ghat-tielet wahda u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkonsidraw l-pozizzjoni taghhom.

Rat d-dokumenti esebieti.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom hlif ghat-tielet wahda; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi t-tielet imputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel wahda li giet ammessa mill-imputati; il-Qorti ghalhekk sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din it-tielet imputazzjoni.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati, l-koperazzjoni ta’l-imputati mal-pulizija, il-fedina penali taghhom u l-ammissjoni taghhom f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri kif ukoll l-eta taghhom.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti u wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 167, 261(f)(g), 270, 271(g), 308, 309, u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni

ulterjuri tat-tielet imputazzjoni, fuq ammissjoni issib lill-imputati hatja ta’l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra taghhom u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tpoggihom taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ tlett snin.

Il-Qorti spjegat lill-hatja fi kliem car r-responsabbilta taghhom u x’jigri jekk huma jikkommettu reat li ghalih ikun hemm piena ta’ prigunerija waqt il-perjodu ta’ tlett snin.

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-*Probation* sa biex jigi assenjat ufficjal responsabbli ghas-sorveljanza tal-hatja

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------